**Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu**

►B

# IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 872/2004

## tad-29 ta' April 2004

## li jirrigwarda iktar miżuri restrittivi li għandhom x'jaqsmu mal-Liberja

(ĠU L 162, 30.4.2004, p. 32)

Emendat minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ►M1 | Commission Regulation (EC) No 1149/2004 of 22 June 2004 (*) | L 222 | 17 | 23.6.2004 |
| ►M2 | Commission Regulation (EC) No 1478/2004 of 18 August 2004 (*) | L 271 | 36 | 19.8.2004 |
| ►M3 | Commission Regulation (EC) No 1580/2004 of 8 September 2004 (*) | L 289 | 4 | 10.9.2004 |
| ►M4 | Commission Regulation (EC) No 2136/2004 of 14 December 2004 (*) | L 369 | 14 | 16.12.2004 |
| ►M5 | Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 874/2007 tad-9 ta' Ġunju 2005 | L 338M | 217 | 17.12.2008 |
| ►M6 | Regolament Kummissjoni (KE) Nru 1453/2005 tas-6 ta' Settembru 2005 | L 322M | 89 | 2.12.2008 |
| ►M7 | Commission Regulation (EC) No 2024/2005 of 12 December 2005 (*) | L 326 | 10 | 13.12.2005 |
| ►M8 | Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1791/2006 ta' l-20 ta' Novembru 2006 | L 352M | 629 | 31.12.2008 |
| ►M9 | Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1462/2007 tal-11 ta' Diċembru 2007 | L 326 | 24 | 12.12.2007 |
| ►M10 | Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 973/2008 tat-2 ta' Ottubru 2008 | L 265 | 8 | 4.10.2008 |
| ►M11 | Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1216/2008 tal-5 ta' Diċembru 2008 | L 328 | 26 | 6.12.2008 |
| ►M12 | Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 275/2009 tat-2 ta' April 2009 | L 91 | 18 | 3.4.2009 |
| ►M13 | Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 496/2009 tal-11 ta' Ġunju 2009 | L 149 | 60 | 12.6.2009 |

Ikkoreġut minn:

►C1 Emendi, Ġ.U. L 123, 19.5.2009, p. 100 (275/2009)

(*) Dan l-att qatt ma ġie ppubblikat bil-Malti

▼B

# IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 872/2004

## tad-29 ta' April 2004

## li jirrigwarda iktar miżuri restrittivi li għandhom x'jaqsmu mal-Liberja

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 60 u 301 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Posizzjoni Komuni tal-Kunsill 2004/487/*CFSP* tad-29 ta' April 2004 li tirrigwarda l-konġelament tal-fondi ta' dak li qabel kien il-President Liberjan Chales Taylor u ta' dawk il-persuni u entitajiet assoċjati miegħu [1],

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Fil-10 ta' Frar 2004, wara l-adozzjoni mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU ta' l-*UNSCR* 1521 (2003), li tiddikjara l-miżuri rriveduti li jirrigardaw il-Liberja għalbiex iqisu l-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni fil-Liberja u b'mod partikolari t-tluq ta' dak li qabel kien il-President Charles Taylor, u l-adozzjoni tal-Posizzjoni Komuni tal-Kunsill 2004/137/*CFSP* tal-10 ta' Frar 2004 li tirrigwarda miżuri restrittivi kontra l-Liberja [2], il-Kunsill adotta r-Regolament 234/2004 li jimponi miżuri restrittivi rigward il-Liberja [3].

(2) L-*UNSCR* 1532 (2004) tat-12 ta' Marzu 2004 tipprovdi illi l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi ppossjeduti jew ikkontrollati minn dak li qabel kien il-President Liberjan Charles Taylor, minn Jewell Howard Taylor u minn Charles Taylor, Jr, membri immedjati oħra tal-familja, l-uffiċjali anzjani tiegħu ta' qabel u alleati oħra mill-qrib u assoċjati kif innominati mill-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà stabbiliti skond il-paragrafu 21 ta' l-*UNSCR* 1251 (2003) għandhom jiġu kkonġelati.

(3) L-azzjonijiet u l-politiki ta' dak li qabel kien il-President Liberjan Charles Taylor, u persuni oħra, b'mod partikolari t-tbattil tagħhom tar-riżorsi Liberjani u t-twarrib tagħhom mil-Liberja u t-tnixxija tal-fondi u tal-proprjetà Liberjani minn dan il-pajjiż, imminaw it-transizjoni tal-Liberja lejn id-demokrazija u l-iżvilupp bl-ordni ta' l-istituzzjonijiet u r-riżorsi politiċi, amministrattivi u ekonomiċi tagħha.

(4) Minħabba l-impatt negattiv fuq il-Liberja bit-trasferiment 'il barra mill-pajjiż ta' fondi u attivi miżappropriati, u l-użu ta' dawn il-fondi miżappropriati minn Charles Taylor u l-assoċjati tiegħu għalbiex jimminaw il-paċi u l-istabbiltà fil-Liberja u fir-reġjun, huwa meħtieġ il-konġelament ta' dawn il-fondi ta' Charles Taylor u ta' l-assoċjati tiegħu.

(5) Il-Posizzjoni Komuni 2004/487/*CFSP* tipprovdi li jiġi implimentat il-konġelament tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi ta' dak li qabel kien il-President Liberjan Charles Taylor u tal-membri immedjati tal-familja tiegħu, ta' l-uffiċjali anzjani ta' qabel u alleati u assoċjati oħra mill-qrib.

(6) Il-miżuri jidħlu fl-iskop tat-Trattat u, għalhekk, għalbiex jiġi evitat kull tagħwiġ tal-kompetizzjoni, hija meħtieġa leġislazzjoni Komunitarja għalbiex timplimentahom safejn u sakemm jinteressaw lill-Komunità. Għall-għan ta' dan ir-Regolament, it-territoriju tal-Komunità għandu jitqies li jiġbor fih it-territorji ta' l-Istati Membri li għalihom japplika t-Trattat, skond il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan nit-Trattat.

---

[1] Ara l-paġna 116 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.
[2] ĠU L 40, tat-12.2.2004, p. 35.
[3] ĠU L 40, tat-12.2.2004, p. 1.

▼B

(7) Il-Posizzjoni Komuni 2004/387/*CFSP* tipprovdi wkoll illi jistgħu jiġu konċessi ċerti eżenzjonijiet mill-ħtieġa tal-konġelament għal għanijiet umanitarji jew is-sodisfazzjon tar-rahnijiet jew is-sentenzi tal-qorti midħula għalihom qabel id-data ta' l-*UNSCR* 1532 (2004).

(8) Il-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU esprima l-intenzjoni tiegħu li jikkunsidra jekk iridx jagħmel disponibbli lill-gvern tal-Liberja l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kkonġelati skond il-*UNSCR* 1532 (2004), ġaladarba dan il-Gvern stabbilixxa mekkaniżmu trasparenti tal-kontabbiltà u tal-verifika għalbiex jiżgura l-użu responsabbli tad-dħul tal-gvern għall-benefiċċju dirett tal-poplu tal-Liberja.

(9) Sabiex jiġi żgurat illi l-miżuri pprovvduti f'dan ir-Regolament ikunu effettivi, dan ir-Regolament irid jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw dawn id-definizzjonijiet:

1. "Kumitat tas-Sanzjonijiet" ifisser: il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti li ġie stabbilit skond il-paragrafu 21 ta' l-*UNSCR* 1521 (2003);

2. "fondi" ifissru l-attivi u l-benefiċċji finanzjarji ta' kull kwalità, inklużi imma mhux limitati għal:

   (a) il-flus fil-pront, iċ-ċekkijiet, il-pretensjonijiet fuq il-flus, il-ġbid tal-flus, il-*money orders* u strumenri oħra tal-ħlas;

   (d) id-depożiti għand instituzzjonijiet finanzjarji jew entitajiet oħra, il-bilanċi akkont, id-djun u l-obbligi fuq id-djun;

   (ċ) it-titoli ta' sigurtà u l-istrumenti tad-dejn nnegozjati b'mod pubbliku jew privat, inklużi l-i*stocks* u l-ishma, iċ-ċertifikati li jirrappreżentaw titoli tas-sigurtà, kambjali, noti, mandati, obbligazzjonijiet u kuntratti tad-derivattivi;

   (d) imgħax, dividendi jew dħul ieħor jew il-valur li jakkumula jew iġġenerati mill-attivi;

   (e) il-kreditu, id-dritt għall-kumpens, il-garanziji, il-kambjali tat-twettiq tax-xogħol jew impenji finanzjarji oħra;

   (f) l-ittri ta' kreditu, il-poloz tat-tagħbija, il-kontijiet tal-bejgħ;

   (g) dokumenti li jixhdu interess fil-fondi jew fir-riżorsi finanzjarji;

   (h) kull strument ieħor tal-finanzjament ta' l-esportazzjonijiet;

3. "il-konġelament tal-fondi" ifisser il-prevenzjoni ta' kull ċaqliq, trasferiment, bidla, użu tal-fondi, aċċess għalihom jew negozju fihom b'kull mod li jista' jirriżulta f;kull bidla fil-volum, l-ammont, il-post, il-pussess, il-karattru, id-destinazzjoni jew kull bidla oħra tagħhom li tista' tgħin li jintużaw il-fondi, inkluża l-ġestjoni tal-portafolli;

4. "riżorsi ekonomiċi" ifissru l-attivi ta' kull kwalità, sewwa jekk tanġibbli u sewwa jekk intanġibbli, mobbli jew immobbli, li mhumiex fondi imma jistgħu jintużaw għalbiex jinkisbu fondi, oġġetti jew servizzi;

5. "konġelament tar-riżorsi ekonomiċi" tfisser li jiġi pprevenut l-użu tagħhom għalbiex jinkisbu fondi, oġġetti jew servizzi f'kull mod, inklużi, imma mhux limitati għall-bejgħ, il-kiri jew l-ipoteki tagħhom.

▼B

*Artikolu 2*

1. Għandhom jiġu kkonġelati l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha possessi jew ikkontrollati, direttament jew indirettament, minn dak li qabel kien il-President Liberjan Charles Taylor, minn Jewell Howard Taylor u minn Charles Taylor Jr u mill-persuni u l-entitajiet li ġejjin, kif innominati mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet u elenkati fl-Anness I:

(a) il-membri immedjati l-oħra tal-familja ta' dak li qabel kien il-President Liberjan Charles Taylor;

(b) l-uffiċjali anzjani ta' dak li qabel kien ir-reġim ta' Taylor, u alleati u assoċjati oħra mill-qrib;

(ċ) il-persuni legali, il-korpi jew l-entitajiet ippossjeduti jew ikkontrollati, direttament jew indirettament, mill-persuni rifeiti hawn fuq;

(d) kull persuna naturali jew legali li taġixxi f'isem jew fuq id-direzzjoni tal-persuni msemija hawn fuq.

2. L-ebda fondi jew riżorsi ekonomiċi ma għandhom jintgħamlu disponibbli, direttament jew indirettament, lill-persuni naturali jew legali, lill-entitajiet jew lill-korpi elenkati fl-Anness jew għall-benefiċċju tagħhom.

3. Għandha tiġi pprojbita l-parteċipazzjoni, konxjament u intenzjonalment, f'attivitajiet li l-għan jew l-effett tagħhom ikun, direttament jew indirettament, għalbiex jaħarbu mill-miżuri riferiti fil-paragrafi 1 u 2.

*Artikolu 3*

1. Bħala deroga mill-Artikolu 2, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, kif elenkati fl-Anness II, jistgħu jawtrorizzaw il-ħelsien ta' ċerti fondi jew riżorsi finanzjarji kkonġelati jew jagħmlu disponibbli ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi, jekk l-awtorità kompetenti tkun stabbiliet illi l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi interessati jkunu:

tal-fondi jew tar-riżorsi ekonomiċi kkonġelati;

(a) l-ħlasijiet għall-oġġetti ta' l-ikel, il-kiri u l-ipoteki, il-mediċini u t-trattamenti mediċi, it-taxxi, il-*premiums* ta' l-assigurazzjonijiet, u l-imposti fuq utilitajiet pubbliċi;

(b) maħsuba b'mod esklussiv għall-ħlas tal-piżijiet professjonali raġjonevoli u r-rifużjoni ta' l-ispejjeż miġrura assoċjati mal-provvediment tas-servizzi legali;

(ċ) maħsuba b'mod esklussiv għall-ħlas tal-piżijiet jew ta' l-imposti fuq is-servizzi għaż-żamma jew il-manutenzjoni tar-rutina ifikaw l-intenzjoni li jawtorizzaw l-aċċess għal dawn il-fondi u riżorsi ekonomiċi lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet u ma jkunux irċevew deċiżjoni negattiva mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet fi żmien jumejn tax-xogħol minn din in-notifka.

basta tkun magħrufa l-intenzjoni li jiġi awtorizzat tali aċċess għal-fondi u r-riżorsi eknomiċi lill-Kumitat tas-Sanzjonijet u li ma jkunx irċieva tweġiba negattiva mill-Kumitat fi żmien jumejn tat-tali notifika.

2. Bħala deroga mill-Artikolu 2, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, kif elenkati fl-Anness II, jistgħu jawtrorizzaw il-ħelsien ta' ċerti fondi jew riżorsi finanzjarji kkonġelati jew jagħmlu disponibbli ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi, jekk l-awtorità kompetenti tkun stabbiliet illi l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi interessati jkunu meħtieġa għal spejjeż straordinarji, u sakemm din l-awtorità kompetenti tkun innotifikat din id-determinazzjoni lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet u li d-determinazzjoni kienet approvata minn dan il-Kumitat.

▼B

*Artikolu 4*

Bħala deroga mill-Artikolu 2, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, kif elenkati fl-Anness II, jistgħu jawtorizzaw il-ħelsien ta' ċerti forndi jew riżorsi ekonomiċi kkonġelati, jekk jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi huma bla ħsara għal rahan ġudizzjali, amministrattiv jew arbitrali stabbiliti qabel it-12 ta' Marzu 2004 jew ta' sentenza tal-qorti, amministrattiva jew arbitrali mogħtija qabel din id-data;

(b) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi jridu jiġu wżati b'mod esklussiv għalbiex jissodisfaw il-pretensjonijiet żgurati b'dan il-għan jew ikkonoxxuti bħala validi f'din is-sentenza, ġewwa l-limiti ffissati billiġijiet u r-regolamenti applikabbli li jirregolaw id-drittijiet tal-persuni li jkollhom dawn il-pretensjonijiet;

(ċ) ir-rahan jew is-sentenza tal-qorti ma jkunux għall-benefiċċju ta' persuna, entità jew korp innominati mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet u msemmija fl-Anness I;

(d) jikkonoxxu illi r-rahan jew is-sentenza tal-qorti ma jkunux kuntrarju għall-politika pubblika fl-Istat Membru interessat.

(e) l-awtorità kompetenti tkun inotifikat ir-rahan jew is-sentenza tal-qorti lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet.

*Artikolu 5*

L-awtorità kompetenti rilevanti għandha tgħarraf lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri l-oħra u lill-Kummisjoni dwar kull awtorizzazzjoni konċessa skond l-Artikoli 3 u 4.

*Artikolu 6*

L-Artikolu 2 ma għandux japplika maż-żieda mal-kontijiet ikkonġelati ta':

(a) l-imgħax jew qligħ ieħor fuq dawn il-kontijiet; jew

(b) il-ħlasijiet mistħoqqa skond kuntratti, ftehimijiet jew obbligi li kienu ġew konklużi jew inħolqu qabel id-data li fiha dawn il-kontijiet saru bla ħsara għal dan ir-Regolament,

sakemm kull imgħax minn dan jew qligħ ieħor jew ħlasijiet ikunu kkonġelati skond l-Artikolu 2(1).

*Artikolu 7*

L-Artikolu 2(2) ma għandux jipprevjieni li jiġu akkreditati l-kontijiet ikkonġelati mill-istituazzjonijiet finanzjarji li jirċievu l-fondi ttrasferiti minn partijiet terzi fil-kont tal-persuna jew ta' l-entità elenkati, sakemm kull żieda minn dawn tiġi kkonġelata wkoll. L-istituzzjoni finanzjarja għandha tgħarraf lill-awtoritajiet kompetenti dwar dawn it-transazzjonijiet mingħajr dewmien.

*Artikolu 8*

1. Mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli li jirrigwardaw ir-rappurtaġġ, il-kunfidenzalità u s-segretezza professjonali u għad-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 284 tat-Trattat, il-persuni naturali u legali, l-entitajiet u l-korpi għandhom:

(a) ifornu minnufih kull tagħrif li jiffaċilita l-konformità ma' dan ir-Regolamnt, bħalma huma l-kontijiet u l-ammonti kkonġelati skond l-Artikolu 2, lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri elenkati fl-Anness II fejn ikunu residentri jew lokati, u għandhom jittras-

▼B

mettu dan it-tagħrif, direttjew permezz ta' dawn l-awtoritajiet kompetenti, lill-Kummissjoni;

(b) jikkooperaw ma' l-awtoritajiet kompetenti elenkati fl-Anness II f'kull verifika ta' dan it-tagħrif.

2. Kull tagħrif addizzjonali rċevut b'mod dirett mill-Kummissjoni għandu jintgħamel disponibbli lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri interessati.

3. Kull tagħrif ipprovvdut jew irċevut skond dan l-Artikolu għandu jiġi wżat biss għall-għanijiet li għalih ikun ġie pprovvdut jew irċevut.

*Artikolu 9*

Il-konġelament tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi jew ir-rifjut li dawn il-fondi jew riżorsi ekonomiċi jintgħamlu disponibbli. imwettqa f'fidi tajba fuq il-bażi li dawn l-azzjonijiet huma skond dan ir-Regolament, ma għandhom joħolqu l-lijabbiltà ta' l-ebda kwalità min-naħa tal-persuna naturali jew legali jew ta' l-entità li timplimentahom, jew tad-diretturi jew l-impjegati tagħhom, għajr jekk jiġi ppruvat li l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kienu ġew ikkonġelati minħabba n-negliġenza.

*Artikolu 10*

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jgħarrfu minnufih lil xulxin bil-miżuri meħuda skond dan ir-Regolament u għandhom ifornu lil xulxin kull tagħrif ieħor rilevanti għad-disposizzjoni tagħhom f'konnessjoni ma' dan ir-Regolament, b'mod partikolari t-tagħrif rigward problemi ta' vjolazzjoni u infurzar u s-sentenzi mogħtija mill-qrati nazzjonali.

*Artikolu 11*

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li:

(a) temenda l-Anness I fuq il-bażi tad-determinazzjonijiet magħmula jew mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti jew mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet; u

(b) temenda l-Anness II fuq il-bażi tat-tagħrif fornit mil-Istati Membri.

*Artikolu 12*

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar is-sanzjonijiet li japplikaw għall-ksur tad-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li jiġu implimentati. Is-sanzjonijiet ipprovvduti jridu jkunu effettivi, ipproporzjonati u disswasivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawn ir-regoli lill-Kummissjoni mingħajr dewmien wara d-dħul is-seħħ ta' dan ir-Regolament u għandhom jinnotifikawha b'kull emenda sossegwenti.

*Artikolu 13*

Dan ir-Regolament għandu japplika:

(a) ġewwa t-trritorju tal-Komunità, inkluż l-ispazju ta' l-ajru tagħha;

(b) abbord kull vettura ta' l-ajru jew kull bastiment taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru;

(ċ) kull persuna ġewwa jew barra mit-territorju tal-Komunità li huwa ċittadin ta' Stat Membru;

(d) kull persuna legali, grupp jew entità li jkunu inkorporati jew ikkostitwiti skond il-liġijiet ta' Stat Membru;

(e) kull persuna legali, grupp jew entità li jagħmlu n-negozju fil-Komunità.

▼B

*Artikolu 14*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼M5

*ANNESS*

**Anness I għar-Regolament (KE) Nru 872/2004 huwa emendat kif ġej:**

(1) Għandhom jitneħħew dawn il-persuni fiżiċi li ġejjin:

M. Moussa Cisse (magħruf ukoll bħala Mamadee Kamara). Data tat-twelid: (a) 24.12.1946, (b) 14.12.1957, (c) 26.6.1944, (d) 26.7.1946, (e) 24.12.1944. Passaporti: (a) Passaport diplomatiku Liberjan: D/001548-99; (b) Passaport ordinarju Liberjan 0058070 (validu 10.1.2000 sad-9.1.2005; isem: Mamadee Kamara, data tat-twelid: 26.7.1946, post tat-twelid: Gbarnga, Bound County); (c) Passaport diplomatiku Liberjan 001546 (validu 1.8.1999 sat-30.8.2001, data tat-twelid: 24.12.1944, post tattwelid: Ganta, Nimba County); (d) Passaport diplomatiku Liberjan D/000953-98. Informazzjoni oħra: eks-Kap tal-Protokoll Presidenzjali. Ċermen tal-Mohammad Group of companies.

(2) L-annotazzjoni 'Edwin M., Jr. Snowe. Ċittadinanza: Liberjana. Numru tal-passaport: OR/0056672-01. Informazzjoni oħra: Direttur Maniġerjali tal-Liberian Petroleum and Refining Corporation (LPRC)' għandha tiġi ssostitwita b'dan li ġej:

Edwin M., Snowe jr. Ċittadinanza: Liberjana. Numru tal-passaport: (a) OR/0056672-01, (b) D/005072. Informazzjoni oħra: Direttur Maniġerjali tal-Liberian Petroleum and Refining Corporation (LPRC).

▼M11

_____

▼M10

_____

▼M5

(5)

▼M12

_____

▼M5

(7)

(8)

(9)

(10)

(11)

▼M11

(12) ►M12 Ali Kleilat (magħruf ukoll bħala (a) Ali Qoleilat, (b) Ali Koleilat Delbi, (c) ►C1 Ali Ramadhan Kleilat Al-Delbi ◄, (d) Ali Ramadan Kleilat Al-Dilby, (e) Ali Ramadan Kleilat, (f) Ali Ramadan Kleilat Sari). Data tat-twelid: 10.7.1970 (id-data ta' twelidu hekk kif imniżżla fuq xi passaporti tiegħu hija l-1963). Post tat-twelid: Bejrut, il-Libanu. Ċittadinanza: Libaniża. Numru tal-Passaport: (a) 0508734, (b) 1432126 (il-Libanu), (c) Regular-RL0160888 (il-Libanu), (d) D00290903 (il-Liberja), (e) Z01037744 (l-Olanda), (f) Regular-B0744958 (il-Venezwela). Nru tar-Reġistru Nazzjonali: 2016, Mazraa. Data tal-ħatra msemmija fl-Artikolu 6 (b): 23.6.2004. ◄

▼M12

_____

▼M5

(14)

▼M9

_____

▼M5

(16)

(17) ►M12 Mohamed Ahmad Salame (magħruf ukoll bħala (a) Mohamed Ahmad Salami, (b) Ameri Al Jawad, (c) Jawad Al Ameri, (d) Moustapha Salami, (e) Moustapha A Salami). Data tat-twelid: (a) 22.9.1961, (b) 18.10.1963. Post tat-twelid: Abengourou, Kosta tal-Avorju. Ċittadinanza: Libaniża. Numru tal-Passaport: (a) 1622263 (Passaport Ordinarju LIbaniż,

▼M5

valiu bejn l-24.04.2001 u t-23.04.2006), (b) 004296/00409/00 (Passaport Diplomatiku tat-Togo, validu bejn il-21.08.2002 u t-23.08.2007), (c) 000275 (Passaport Diplomatiku Liberjan, validu bejn il-11.01.1998 u l-10.01.2000), (d) 002414 (Passaport Diplomatiku Liberjan, validu bejn l-20.06.2001 u d-19.06.2003, isem: Ameri Al Jawad, data tat-twelid: 18.10.1963, post tat-twelid: Ganta, Nimba County), (e) D/001217 (Passaport Diplomatiku Liberjan:), (f) Diplomatiku-2781 (Passaport Diplomatiku Liberjan). Informazzjoni oħra: (a) Passaport Ivorjan; l-ebda dettall mhu disponibbli, (b) Proprjetarju tal-Mohamed and Company Logging Company. Data tal-ħatra msemmija fl-Artikolu 6(b): 23.6.2004. ◄

(18)

▼M10

(19) ►M13 Edwin M., **Snowe** jr. Ċittadinanza: Elwa Road, Monrovia, Liberia. Data tat-twelid: 11.2.1970. Post tat-twelid: Mano River, Grand Cape Mount, Liberia. Ċittadinanza: Liberjana. Numru tal-passaport: (a) OR/0056672-01, (b) D/005072, (c) D005640 (passport diplomatiku), (d) D-00172 (Passaport ECOWAS-DPL, validu 7.8.2008-6.7.2010). Informazzjoni oħra: Direttur Maniġerjali tal-Liberian Petroleum and Refining Corporation (LPRC). Data tal-ħatra msemmija fl-Artikolu 6(b): 10.9.2004. ◄

▼M11

(20) Agnes Reeves **Taylor** (magħrufa wkoll bħala **Agnes Reeves-Taylor**). Data tat-twelid: 27.9.1965. Ċittadinanza: Liberjana. Informazzjoni oħra: (a) Eks mart l-eks President Charles Taylor li għad għandha rabtiet miegħu; (b) Eks Rappreżentanta Permanenti tal-Liberja għall-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali; Eks Membru Għoli tal-Gvern Liberjan. (c) Bħalissa residenti fir-Renju Unit.

(21) Charles **Taylor** (Junior) (magħruf ukoll bħala (a) Chuckie **Taylor** (b) Charles McArthur Emmanuel Roy M. Belfast, (c) Junior Charles **Taylor** II). Informazzjoni oħra: (a) Kollega, konsulent u iben l-eks President Liberjan Charles Taylor b'kuntatti miegħu sal-lum, (b) Bħalissa għaddej ġuri fl-Istati Uniti tal-Amerika).

(22) Charles Ghankay **Taylor** (magħruf ukoll bħala (a) Charles MacArthur **Taylor**, (b) Jean-Paul Some, (c) Jean-Paul Sone). Data tat-twelid: (a) 1.9.1947, (b) 28.1.1948. Informazzjoni oħra: (a) Eks President tal-Liberja, (b) Attwalment għaddej ġuri fl-Aja.

▼M10

(23) Jewell Howard Taylor (magħrufa wkoll bħala Howard Taylor). Data tat-twelid: 17.1.1963. Passaport diplomatiku Liberjan: (a) D/003835-04 (validu 4.6.2004 sat-3.6.2006), (b) D/00536307. Informazzjoni oħra: Mart l-eks-President Charles Taylor.

▼M5

(24)

(25)

(26)

▼M7

(27) Richard Ammar **Chichakli** (*alias* Ammar M. **Chichakli**). Address: (a)225 Syracuse Place, Richardson, Texas 75081, USA; (b)811 South Central Expressway Suite 210 Richardson, Texas 75080, USA. Date of birth: 29.3.1959. Place of birth: Syria. Nationality: USA. Other information: (a) Social Security No: 405 41 5342 or 467 79 1065; (b) a certified public accountant and certified fraud examiner; (c) an officer of San Air General Trading.

(28) Valeriy **Naydo** (*alias* Valerii **Naido**). Address:c/o CET Aviation, P.O. Box 932-20C, Ajman, United Arab Emirates. Date of birth:10.8.1957. Nationality: Ukraine. Passport No: (a) AC251295 (Ukraine), (b) KC024178 (Ukraine). Other information: (a) a pilot, (b) one of the directors of Air Pass (Pietersburg Aviation Services and Systems), (c) Chief Executive Officer of CET Aviation.

(29) Abidjan Freight. Address: Abidjan, Côte d'Ivoire.

(30) Air Cess (*alias* (a) Air Cess Equatorial Guinea, (b) Air Cess Holdings, Ltd., (c) Air Cess Liberia, (d) Air Cess Rwanda, (e) Air Cess Swaziland (Pty.) Ltd., (f) Air Cess, Inc. 360-C, (g) Air Pas, (h) Air Pass, (i) Chess Air Group, (j) Pietersburg Aviation Services & Systems, (k) Cessavia). Address: (a) Malabo, Equatorial Guinea; (b)P.O. Box 7837, Sharjah, United Arab

▼M7

Emirates; (c)P.O. Box 3962, Sharjah, United Arab Emirates; (d) Islamabad, Pakistan; (e) Entebbe, Uganda.

(31) Air Zory (*alias* (a) Air Zori, (b) Air Zori, Ltd.). Address: (a)54 G.M. Dimitrov Blvd., BG-1125, Sofia, Bulgaria; (b)6 Zenas Kanther Str., 1065 Nicosia, Cyprus. Other information: majority shareholder is Sergei Bout.

(32) Airbas Transportation FZE (*alias* (a) Air Bas, (b) Air Bass, (c) Airbas Transportation, Inc., (d) Aviabas). Address: (a)P.O. Box 8299, Sharjah, United Arab Emirates; (b)811 S. Central Expressway, Suite 210 Richardson, Texas 75080, USA. Other information: created in 1995 by Sergei Bout.

(33) ATC, Ltd. Address: Gibraltar, United Kingdom.

(34) Bukavu Aviation Transport. Address: Democratic Republic of the Congo.

(35) Business Air Services. Address: Democratic Republic of the Congo.

(36) Centrafrican Airlines (*alias* (a) Centrafricain Airlines, (b) Central African Airways, (c) Central African Air, (d) Central African Airlines). Address: (a) P.O. Box 2760, Bangui, Central African Republic; (b)c/o Transavia Travel Agency, P.O. Box 3962, Sharjah, United Arab Emirates; (c)P.O. Box 2190, Ajman, United Arab Emirates; (d) Kigali, Rwanda; (e) Ras-al-Khaimah, United Arab Emirates.

(37) Central Africa Development Fund. Address: (a)811 S. Central Expressway, Suite 210, Richardson, Texas 75080, USA; (b)P.O. Box 850431, Richardson, Texas 75085, USA.

(38) CET Aviation Enterprise (FZE). Address: (a)P.O. Box 932 — C20, Ajman, United Arab Emirates; (b) Equatorial Guinea.

(39) Chichakli & Associates, PLLC (*alias* (a) Chichakli Hickman-Riggs & Riggs, PLLC, (b) Chichakli Hickmanriggs & Riggs). Address:811 S. Central Expressway, Suite 210, Richardson, Texas 75080, USA. Other information: an accounting and auditing firm.

(40) Continue Professional Education, Inc. (*alias* Gulf Motor Sales). Address:811 S. Central Expressway, Suite 210, Richardson, Texas 75080, USA.

(41) Daytona Pools, Inc. Address:225 Syracuse Place, Richardson, Texas 75081, USA.

(42) DHH Enterprises, Inc. Address:811 S. Central Expressway, Suite 210, Richardson, Texas 75080, USA.

(43) Gambia New Millennium Air Company (*alias* (a) Gambia New Millennium Air, (b) Gambia Millennium Airline). Address:State House, Banjul, Gambia.

(44) IB of America Holdings, Inc. Address:811 S. Central Expressway, Suite 210, Richardson, Texas 75080, USA.

(45) Irbis Air Company. Address:ul. Furmanova 65, Office 317, Almaty, Kazakhstan 48004. Other information: created in 1998.

(46) Moldtransavia SRL. Address:Aeroport MD-2026, Chisinau, Moldova.

(47) Nordic, Ltd. (*alias* Nordik Limited EOOD). Address:9 Fredrick J. Curie Street, Sofia, Bulgaria 1113.

(48) Odessa Air (*alias* Okapi Air). Address: Entebbe, Uganda.

(49) Orient Star Corporation (*alias* Orient Star Aviation). Address:811 S. Central Expressway, Suite 210, Richardson, Texas 75080, USA.

(50) Richard A. Chichakli, P.C. Address: (a)811 S. Central Expressway, Suite 210, Richardson, Texas 75080, USA; (b)P.O. Box 850432, Richardson, Texas 75085, USA.

(51) Rockman, Ltd. (*alias* Rokman EOOD). Address:9 Fredrick J. Curie Street, Sofia, Bulgaria 1113.

(52) San Air General Trading FZE (*alias* San Air General Trading, LLC). Address: (a)P.O. Box 932-20C, Ajman, United Arab Emirates; (b)P.O. Box 2190, Ajman, United Arab Emirates; (c)811 S. Central Expressway, Suite 210, Richardson, Texas 75080, USA. Other information: General manager is Serguei Denissenko.

(53) Santa Cruz Imperial Airlines. Address: (a)P.O. Box 60315, Dubai, United Arab Emirates; (b) Sharjah, United Arab Emirates.

▼M7

(54) Southbound, Ltd. Address:P.O. Box 398, Suite 52 and 553 Monrovia House, 26 Main Street, Gibraltar, UK.

(55) Trans Aviation Global Group, Inc. Address:811 S. Central Expressway, Suite 210, Richardson, Texas 75080, USA.

(56) Transavia Network (*alias* (a) NV Trans Aviation Network Group, (b) TAN Group, (c) Trans Aviation, (d) Transavia Travel Agency, (e) Transavia Travel Cargo). Address: (a)1304 Boorj Building, Bank Street, Sharjah, United Arab Emirates; (b)P.O. Box 3962, Sharjah, United Arab Emirates; (c)P.O. Box 2190, Ajman, United Arab Emirates; (d) Ostende Airport, Belgium.

(57) Vial Company. Address: Delaware, USA.

(58) Westbound, Ltd. Address:P.O. Box 399, 26 Main Street, Gibraltar, UK.

▼B

*L-ANNESS II*

**Il-Lista ta' l-awtoritajiet kompetenti riferiti fl-Artikoli 3, 4, 5, 7 u 10**

IL-BELĠJU

Is-Service Public Fédéral des Finances
Administration de la Trésorerie
30 Avenue des Arts
B-1040 Bruxelles
B-1040 Brussel (*Bruxelles*)*Fax* 00 32 2 233 74 65
E-mail: Quesfinvragen.tf@minfin.fed.be

▼M8

IL-BULGARIJA

Министерство на финансите

Министерство на финансите
ул. "Г.С. Раковски" № 102
София 1000
Тел: (359-2) 985 91
Факс: (359-2) 988 1207
E-mail: feedback@minfin.bg

Ministeru tal-Finanzi
102 Triq "G.S. Rakovsky"
Sofija 1000
Tel.: (359-2) 985 91
Fax: (359-2) 988 1207
E-mail: feedback@minfin.bg

Fir-rigward ta' assistenza teknika u restrizzjonijiet fuq l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet:

Междуведомствен съвет по въпросите на военнопромишления комплекс и мобилизационната готовност на страната
бул. "Дондуков" № 1
1594 София
тел. (359) 2 987 9145
Факс: (359) 2 988 0379

Kunsill Interdipartimentali dwar il-Kumpless Militari-Industrijali u l-Istat ta' Thejjija għal Mobilizzazzjoni tal-Pajjiż
1 Blvd. "Dondukov"
1594 Sofija
Tel.: (359) 2 987 9145
Fax: (359) 2 988 0379.

▼M4

CZECH REPUBLIC

Ministerstvo průmyslu a obchodu
Licenční správa
Na Františku 32
110 15 Praha 1
Tel. (420-2) 24 06 27 20
Fax (420-2) 24 22 18 11

Ministerstvo financí
Finanční analytický útvar
PO Box 675
Jindřišská 14
111 21 Praha 1
Tel. (420-2) 57 04 45 01
Fax (420-2) 57 04 45 02

▼B

ID-DANIMARKA

L-Erhvervs-og Boligstyrelsen

▼B

Dahlerups Pakhus
Langelinie Allé 17
DK - 2100 Copenhagen (*København*) Ø
*Tel.* (45) 35 46 60 00
*Fax* (45) 35 46 60 01

IL-ĠERMANJA

Fejn jirrigwarda l-konġelament tal-fondi:

Id-Deutsche Bundesbank
Servicezentrum Finanzsanktionen
Postfach
D - 80281 Monaco (*München*)
*Tel.* (49-89) 28893800
*Fax* (45-89) 3501633800

Fejn jidħlu l-oġġetti

Il-Bundesamt für Wirtschafts-und Ausfuhrkontrolle (BAFA)
Frankfurter Strasse, 29-35
D-65760 ESCHBORN
*Tel.* (49-61) 969 08-0
*Fax* (49-61) 969 08-800

▼M4

ESTONIA

Finantsinspektsioon
Sakala 4
15030 Tallinn
Tel. (372-6) 68 05 00
Fax (372-6) 68 05 01

▼B

IL-GREĊJA

A. Il-Konġelament ta' l-Attivi

(Il-Ministeru ta' l-Ekonomija u l-Finanzi
(Id-Direttorat Ġenerali tal-Politika Ekonomika)
Address: 5 Nikis Str., 101 80
Indirizz: *5 Nikis Str.*, 101 80 (5, Triq Nikis, 101 80)
(Ateni). - Il-Grečja
*Tel.* + 30 210 3332786
*Fax*: + 30 210 3332810

A. Α. ΔΕΣΜΕΥΣΗ ΚΕΦΑΛΑΙΩΝ

Υπουργείο Οικονομίας και Οικονομικών
Γενική Δ/νση Οικονομικής Πολιτικής
Δ/νση: Νίκης 5, ΑΘΗΝΑ 101 80
Τηλ.: + 30 210 3332786
Φαξ: + 30 210 3332810

B. Restrizzjonijiet fuq l-Importazzjoni/l-Esportazzjonoi

(Il-Ministeru ta' l-Ekonomija u l-Finanzi)
(Id-Direttorat Ġenerali tal-Pjanifikazzjoni u l-Ġestjoni tal-Politika)
Indirizz: (Triq Kornaroy, 105 63 Ateni)
*Tel.* + 30 210 3286401-3
*Fax*: + 30 210 3286404

B. ΠΕΡΙΟΡΙΣΜΟΙ ΕΙΣΑΓΩΓΩΝ — ΕΞΑΓΩΓΩΝ

Υπουργείο Οικονομίας και Οικονομικών
Γενική Δ/νση Σχεδιασμού και Διαχείρισης Πολιτικής
Δ/νση: Κορνάρου 1, Τ.Κ. 105 63
Αθήνα — Ελλάς
Τηλ.: + 30 210 3286401-3
Φαξ: + 30 210 3286404

▼B

SPANJA

Id-Dirección General del Tesoro y Política Financiera
Subdirección General de Inspección y Control de Movimientos de Capitales
Ministerio de Economía
Paseo del Prado, 6
E- 28014 Madrid
*Tel*. (00-34) 912 09 95 11
*Fax* 00 -34 912 96 56

FRANZA

Il-Ministère de l'économie, des finances et de l'industrie
Direction générale des douanes et des droits indirects
Cellule embargo - Bureau E2
*Tel*. (33) 1 44 74 48 93
*Télécopie*: (33) 1 44 74 48 97

Il-Ministère de l'économie, des finances et de l'industrie
Direction du Trésor
Service des affaires européennes et internationales
Sous-direction E
139, rue du Bercy
75572 Paris (Parigi) Cedex 12
*Tel*. (33) 1 44 87 72 85
*Télécopie*: (33) 1 53 18 96 37

Il-Ministère des Affaires étrangères
Direction de la coopération européenne
Sous-direction des relations extérieures de la Communauté
*Tel*. (33) 1 43 17 44 52
*Télécopie*: (33) 1 43 17 56 95

Id-Direction générale des affaires politiques et de sécurité
Service de la Politique Etrangère et de Sécurité Commune
*Tel*. (33) 1 43 17 45 16
*Télécopie*: (33) 1 43 17 45 84

L-IRLANDA

Is-*Central Bank of Ireland* (Il-Bank Ċentrali ta' l-Irlanda)
*Financial Markets Department* (Id-Dipartiment: tas-Swieq Finanzjarji)
Kaxxa Postali 559)
Dame Street
Dublin 2
*Tel*. (353-1) 671 66 66

Id-*Department of Foreign Affairs* (Id-Dipartiment ta' l-Affarijiet Barranin)
*Bilateral Economic Relations Division* (Id-Diviżjoni tar-Relazzjonijiet Ekonomiċi Bilaterali)
80 St. Stephen's Green
Dublin 2
*Tel*: (353-1) 408 2153
*Fax*: (353-1) 408 2003

L-ITALJA

Il-Ministero degli Affari Esteri
Piazzale della Farnesina, 1 – 00194 Roma (Ruma)
D.G.A.S. - Ufficio II
*Tel*. (39) 06 36917334
*Fax*: (39) 06 36915446

Il-Ministero degli Affari Esteri
Piazzale della Farnesina, 1 - 00194 Roma
D.G.A.O. - Ufficio II
*Tel*. (39) 06 36913820
*Fax*: (39) 06 36915161

▼B

Il-U.A.M.A.

Tel. (39) 06 36913605

*Fax*: (39) 06 36918815

Il-Ministero dell'Economia e delle finanze

Dipartimento del Tesoro

Comitato di Sicurezza Finanziaria

Via XX Settembre 97, I-00187 Roma (Ruma)

*Tel*. (39) 06 47613942

*Fax*: (39) 06 47613032

Il-Ministero della attività produttive

Direzione Generale Politica Commerciale

Viale Boston, 35 – 00144 Roma (Ruma)

Tel. (39) 06 59931

*Fax*: (39) 06 59647531

Firma e funzione: Ferdinando Nelli Feroci, Direttore Generale per l'Integrazione Europea

▼M4

CYPRUS

Υπουργείο Εξωτερικών

Λεωφ. Προεδρικού Μεγάρου

1447 Λευκωσία

Tel. (357-22) 30 06 00

Fax (357-22) 66 18 81

Ministry of Foreign Affairs

Presidential Palace Avenue

1447 Nicosia

Tel. (357-22) 30 06 00

Fax (357-22) 66 18 81

LATVIA

Latvijas Republikas Ārlietu ministrija

Brīvības iela 36

Rīga LV-1395

Tel. (371) 701 62 01

Fax (371) 782 81 21

Noziedzīgi iegūto līdzekļu legalizācijas novēršanas dienests

Kalpaka bulvārī 6

Rīga LV-1081

Tel. (371) 704 44 31

Fax (371) 704 45 49

LITHUANIA

▼M6

Ministry of Foreign Affairs

Security Policy Department

J. Tumo-Vaizganto 2

LT-01511 Vilnius

Tel.: +370 5 236 2516

Fax: +370 5 231 3090

▼B

IL-LUSSEMBURGU

Il-Ministère des Affaires étrangères
Direction des Relations internationales
6, rue de la Congrégation
L-1352 LUXEMBOURG (Il-Lussemburgu)
*Tel.* (352) 478 23 46
*Fax* (352) 22 20 48

Il-Ministère des Finances
3, rue de la Congrégation
L - 1352 Lussemburgu (Il-Lussemburgu)
*Tel.* (352) 478 27 12
*Fax* (352) 47 52 41

▼M4

HUNGARY

Articles 3 and 4

Hungarian National Police
Országos Rendőrfőkapitányság
1139 Budapest, Teve u. 4–6.
Magyarország
Tel./Fax (36-1) 443 55 54

Article 7

Ministry of Finance (as regards funds only)
Pénzügyminisztérium
1051 Budapest, József nádor tér 2–4.
Magyarország
Postafiók: 1369 Pf.: 481
Tel. (36-1) 318 20 66, (36-1) 327 21 00
Fax (36-1) 318 25 70, (36-1) 327 27 49

MALTA

Bord ta' Sorveljanza dwar is-Sanzjonijiet
Direttorat ta' l-Affarijiet Multilaterali
Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin
Palazzo Parisio
Triq il-Merkanti
Valletta CMR 02
Tel. (356-21) 24 28 53
Fax (356-21) 25 15 20

▼B

L-OLANDA

▼M6

Ministerie van Financiën
Directie Financiële Markten/Afdeling Integriteit
Postbus 20201
2500 EE Den Haag
The Netherlands
Tel.: (31-70) 342 8997
Fax: (31-70) 342 7984

▼B

L-AWSTRIJA

L-Oesterreichische Nationalbank
Otto Wagner Platz 3
A-1090 Wien (Vjenna)
*Tel.* (01-4042043 1) 404 20-0
*Fax* (431) 404 20 – 73 99.

▼M4

POLAND

Ministerstwo Spraw Zagranicznych
Departament Prawno – Traktatowy
Al. J. CH. Szucha 23
PL-00-580 Warszawa
Tel. (48-22) 523 93 48
Fax (48-22) 523 91 29

▼B

IL-PORTUGALL

Il-Ministério das Finanças
Direcção Geral dos Assuntos Europeus e Relações Internacionais
Avenida Infante D. Henrique, n.o 1, C 2.o
P- 1100 Lisboa (Lisbona)
*Tel*. (351) 218 82 32 40/47
*Fax* (351) 218 82 32 49.

▼M8

IR-RUMANIJA

Ministerul Afacerilor Externe
Aleea Alexandru, nr. 31
Sector 1, Bucureşti
Tel.: (40) 21 319 2183
Fax: (40) 21 319 2226
E-mail: cabinet@mae.ro

Ministerul Finanțelor Publice
Strada Apolodor nr. 17,
Sector 5, Bucureşti
Tel.: (40) 21 319 9743
Fax: (40) 21 312 1630

E-mail: cabinet.ministru@mfinante.ro
Ministerul Economiei şi Comerțului
Calea Victoriei, nr. 152
Sector 1, Bucureşti
Tel.: 0040 21 23 10262
Fax: 0040 21 31 20513.

▼M4

SLOVENIA

Bank of Slovenia
Slovenska 35
1505 Ljubljana
Tel. (386-1) 471 90 00
Fax (386-1) 251 55 16
http://www.bsi.si

Ministry of Foreign Affairs of the Republic of Slovenia
Prešernova 25
1000 Ljubljana
Tel. (386-1) 478 20 00
Fax (386-1) 478 23 47
http://www.gov.si/mzz

SLOVAKIA

For financial and technical assistance related to military activities:

Ministerstvo hospodárstva Slovenskej republiky
Sekcia obchodných vzťahov a ochrany spotrebiteľa
Mierová 19
827 15 Bratislava
Tel. (421-2) 48 54 21 16
Fax (421-2) 48 54 31 16

▼M4

For funds and economic resources:

Ministerstvo financií Slovenskej republiky
Štefanovičova 5
817 82 Bratislava
Tel. (421-2) 59 58 22 01
Fax (421-2) 52 49 35 31

▼B

IL-FINLANDJA

L-Ulkoasiainministeriö/Utrikesministeriet
PL/PB 176
00161 Helsinki/Helsingfors (Helsinki)
*Tel*. (358) 9 16 05 59 00
*Fax* (358) 9 16 05 57 07

L-IŻVEZJA

▼M6

Articles 3, 4 and 5:

Försäkringskassan
SE-103 51 Stockholm
Tfn (46-8) 786 90 00
Tfn (46-8) 411 27 89

Articles 7 and 8:

Finansinspektionen
Box 6750
SE-113 85 Stockholm
Tfn (46-8) 787 80 00
Tfn (46-8) 24 13 35

▼B

IR-RENJU UNIT

*HM Treasury* (It-Teżorerija tal-Maestà Tagħha)
Financial Systems and International Standards (Is-Sistemi Finanzjarji u l-Istandards Internazzjonali)
1, Horse Guards Road
London (Londra) SW1A 2HQ
Ir-Renju Unit
*Tel*. (44-207) 270 5977
*Fax* (44-207) 270 5430

Il-*Bank of England* (Il-Bank ta' l-Ingilterra)
*Financial Sanctions Unit* (L-Unità tas-Sanzjonijiet Finanzjarji)
Threadneedle Street
London (Londra) EC2R 8AH
Ir-Renju Unit
*Tel*. (44-207) 601 4607
*Fax* (44 207) 601 4309

▼M4

EUROPEAN COMMUNITY

Commission of the European Communities
Directorate-General for External Relations
Directorate CFSP
Unit A.2.: Legal and institutional matters for external relations – Sanctions
CHAR 12/163
B-1049 Brussels
Tel. (32-2) 295 81 48, (32-2) 296 25 56
Fax (32-2) 296 75 63